**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 23 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 389/21 AL

AB

Vs

CD

(M.R. Nru 490/2016)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) fil-Kappella tal-Oratorju tal-Qalb ta' Gesu, il-Mosta, hekk kif jirrizulta mic-Certifikat taz-zwieg bin-numru progressiv 1057/2016 hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhom ebda tfal;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal aktar minn sena. Difatti huma legalment separati b'kuntratt redat minn Nutar Dottor Matthew Agius datat nhar it-tletin (30) ta' Lulju tas-sena

elfejn u ghoxrin (2020), kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli jew remoti ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn sena ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghall-hlas ta' manteniment minghand xulxin;

6. Illi ghalhekk il-partijiet m'ghandhom l-ebda kwalsiasi pretensjoni fil-konfront ta' xulxin inkluz ebda hlas ta' manteniment;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghalksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet iccelebrat nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) fil-Kappella tal-Oratorju tal-Qalb ta' Gesu, il-Mosta, huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat minn din l-istess Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg.

Bl-ispejjez kollha akkollati ugwalment bejn il-partijiet bl-ingunzjoni tal-konvenuta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 19 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi hija m'ghandhiex oggezzjoni ghall-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Illi hija topponi t-talba dwar l-ispejjez tal-proceduri odjerni, in kwantu m'hemmx raguni ghalfejn hija ghandha b'xi mod tbati l-ispejjez.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent, u bl-ingunzjoni tal-istess rikorrent ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Settembru 2021;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit- 30 ta' Lulju, 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.